# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Melvyn Camilleri]

## vs

## Ahmed Sharif Hayder Issa

**Kumpilazzjoni Numru: 847/15**

**Illum, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Sharif Hayder Issa detentur tal-karta tal-identita` numru 43683(A).

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu fiz-Zurrieq:

1. Bil-hsieb li jisraq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu liema serq seta' jkun ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-hin;

2. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Ghamel ingurji u theddid lil persuni ta' John u Manuel Zammit, Carmela u Raymond Zahra;

4. Minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra haddiehor;

5. Ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta` ta' haddiehor;

6. Irrenda ruhu ricediv ai termini ta' artikoli 49 u 50.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-vittmi u l-familja taghhom ai termini tal-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 41, 49, 50, 95, 263(a), 267, 270, 339(1)c, e u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat **Ahmed Sharif Hayder Issa** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih hlief dik tar-recidiva stante li ma ngabu l-ebda sentenzi in sostenn ta' dan l-agggravju u ghal dan il-ghan tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' xahrejn (2) kif ukoll multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Il-Qorti qed timponi wkoll treatment order a bazi tal-Artikolu 412D li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**